MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Numru 962/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**
v

**MICHAEL BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL BUTTIGIEG** bin Joseph u Nicholina nee Delia, imwieled Floriana nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Ottubru 1958 u residenti 'Amaryllis House', Triq Emanuel Benjamin Vella, Mosta u detentur tal-karta tal-identita` numru 695458M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Jannar 2002 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond 'Amaryllis House', Triq Emanuel Benjamin Vella, Mosta, b’diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni

wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex jkollu l-uzu jew il-konsum elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew ibiddel l-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew kkunsmata, kkommetta serq ta' kurrent elettriku ta' valur ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez relattati mal-hatra ta' periti nominati fl-inkjesta Magisterjali.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal in konnessjoni ma din l-inkjesta, redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro esibit fl-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Novembru 2004 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti  qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante, l-fedina

penali tal-imputat li mhiex daqstant rifrettarja u ghandha biss registrat fuqha zewg kontravenzjonijiet ta' natura zghira meta nghata piena ta’ multa u l-fatt li llum il-gurnata l-imputat m'ghandu ebda pendenzi mal-Korporazzjoni Enemalta u dan kif jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti markat bhala CSH 3 fejn hemm dikjarat mill-istess Korporazzjoni li l-imputat ghamel tajjeb maghha billi hallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin rigwardanti l-ammont ta' serq ta' kurrent elettriku mill-imputat.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261, 263 (a), 264, 267, 270 u 326 (a), (c) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat MICHAEL BUTTIGIEG hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi dawn gew nominati fi stadju ta’ inkjesta u mhux waqt il-kumpilazzjoni u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia datata sittax ta’ Jannar, 1998.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------